**Deċiżjoni tas-Sedja mogħtija minn Mr Speaker l-Onor. Louis Galea f'Seduta numru 43 tal-Erbgħa, 15 ta' Ottubru, 2008.**

*Prima facie ksur ta' privilegg - Ordinanza dwar il-Privileggi u s-Setghat tal-Kamra tad-Deputati (Kap. 113) - Ordnijiei Permanenti numru 35 u 60 - Tifsira mill-ligi ta' 'prima facie'.*

Fis-Seduta tal-bieraħ filgħaxija, it-Tlieta, 14 ta' Ottubru, 2008, il-Ministru tal-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, l-Onorevoli Austin Gatt, għamel Stqarrija fil-Kamra dwar investigazzjoni li qed issir fil-MITTS.

Waqt li l-Ministru Gatt kien qed iwieġeb mistoqsijiet tal-Onorevoli Membri, għall-ħabta ta' 20.45, l-Onorevoli Alfred Sant, kif jagħtih dritt il-proviso tal-Ordni Permanenti numru 48, qam u tkellem fuq punt ta' ordni, u ftit wara fuq kwistjoni ta' privileġġ li nqalghet f'daqqa fil-Kamra minħabba diskors li qal l-Ministru Gatt fil-konfront tiegħu .

L-Onorevoli Alfred Sant ressaq ilment dwar ksur ta' privileġġ u talab lis-Sedja tiddeċiedi. Is-Sedja informat il-Kamra li kienet ser tagħti d-deċiżjoni tagħha fi stadju ulterjuri u wara li tivverifika l-kontenut tad-diskors li intqal bejn l-Onorevoli Gatt u l-Onorevoli Sant fil-Kamra stess u li jinsab rekordjat.

Biex il-Kamra tifhem aħjar il-kuntest ta' din id-deċiżjoni, is-Sedja ser l-ewwel tirrakonta, u fejn hemm bżonn tikkwota, kif svolġa d-diskors bejn iż-żewġ Onorevoli Membri.

L-Onorevoli Sant qam on a point of order waqt li l-Ministru Gatt li kien qed iwieġeb mistoqsija tal-Onorevoli Leo Brincat, qal dan id-diskors:

"...għaliex min spinnja l-istorja fil-Malta Today naf ben ċert li kellu l-informazzjoni kollha dwar x'kien qed jiġri fil-MITTS, u kien hemm skop speċifiku għaliex saret, biex jiżvija l-investigazzjonijiet tal-pulizija. Għalhekk biss saret, għaliex ma kien hemm ebda raġuni għaliex issir xi ħaġa simili."

L-Onorevoli Sant oġġezzjona immedjatement, u bil-qawwa, għal dan id-diskors peress li fl-Aġġornament tas-Seduta numru 40 tal-Erbgħa, 8 ta' Ottubru, 2008, huwa ippremetta d-

diskors tiegħu dak in-nhar preċiżament fuq rapport li kien deher fil-Malta Today ġimgħa qabel. L-Onorevoli Sant insista li:

"Il-Ministru għadu kemm qal min spinnja l-istorja fil-"Malta Today" u jaf ben ċert. Jekk qed jagħmel din l-istqarrija fil-Parlament b'dan il-mod għandu d-dover isemmi l-ismijiet. Għax issa qegħdin nagħmlu allegazzjoni fuq persuna li jaf ben ċert, u jien l-ewwel wieħed għandi dritt li nkun naf għal min qed jirreferi, għax ... jien għamilt aġġornament f'dan il-Parlament in konsegwenza ta' dik l-istorja ... Il-Ministru għandu d-dmir jgħidilna għal min qed jirreferi ħalli nkunu nistgħu nifhmu eżattament x'hemm warajha din...".

Bi tweġiba għal dan il-Ministru Gatt testwalment pront qal:

"Iva, jien għedt li l-istorja ġiet spinnjata b'dak il-mod biex tiżvijja l-investigazzjoni tal-pulizija. Il-persuna li, fl-opinjoni tiegħi, żvijjat u għamlet dik l-ispin kienet l-Onor. Alfred Sant stess."

Immedjata kienet iċ-ċaħda qawwija u kategorika ta' l-Onorevoli Sant li bħala rimedju irrikorra għall-proċedura ta' ksur ta' privileġġ. L-Onor Sant insista li:

"... dan li qed jintqal bħalissa assolutament huwa kompletament inkorrett u falz. Qed jgħid ben ċert il-Ministru, u għandu joħroġ il-provi ... Qed inressaq ksur ta' privileġġ in faciem curiae, jiġifieri joħroġ l-evidenza li għandu ħalli naraw ... fejn għandek lill-Ministru li qal ben ċert li jien kont naf b'kollox u li qed nispinnja mal-"Malta Today" din il-ħaġa. Niċħad kategorikament din l-affari. Nisfida lill-Ministru jagħmel l-evidenza tiegħu ben ċerta ... Intqal mill-Ministru, li kien qed jindirizza lill-Kamra, li jaf ben ċert li jien kont naf kull ħaġa li għaddejja, li jaf ben ċert li jien spinnjajtha mal-"Malta Today" u qed niċħad kategorikament u għandu joħroġ il-fatti, inkella qiegħed bl-aktar mod ċar (iwettaq) ksur ta' privileġġ fir-rigward tiegħi, u wkoll jigdeb lill-Kamra."

Is-Sedja issa ser tgħaddi biex tqis il-bażi legali u n-natura tat-talba tal-Onorevoli Sant. Is-Sedja eżaminat il-Kostituzzjoni ta' Malta, l-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati (Kap. 113), l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra tad-Deputati[1], il-Kodiċi ta' Etika tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati[2], u l-Parliamentary Practice ta' Erskine May[3].

Is-Sedja qieset l-ewwel jekk l-Onorevoli Alfred Sant kienx in order meta qajjem il-ksur ta' privileġġ in eżami. L-Ordni Permanenti 35 jipprovdi li kwestjoni ta' privileġġ titqanqal permezz ta' mozzjoni mingħajr il-ħtieġa ta' avviż, liema mozzjoni għandha tingħata lill-Iskrivan tal-Kamra bil-miktub iffirmata mill-proponent qabel ma tiġi mressqa. Is-Sedja tqis li normalment għandha tiġi segwita din il-proċedura. Fil-każ in eżami s-Sedja qed iżżomm quddiem għajnejha li l-każ li dwaru qed titqanqal il-kwestjoni ta' privileġġ seħħ seduta stante fil-preżenza tas-Sedja, in faciem curiae. Hi wkoll il-proċedura li kwestjoni ta' privileġġ bilfors trid titqanqal fl-ewwel opportunità li jkollu l-Membru li jqanqal l-ilment. Għall-Onorevoli Alfred Sant l-ewwel opportunità kienet dak il-ħin stess, u ħin aktar tard seta` jfisser li jkun tilef id-dritt li jqanqal il-kwestjoni ta' privileġġ. Fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ l-Ordni Permanenti 35 (3) bil-provisos tagħha ma setgħetx tiġi applikata ad litteram u għaldaqstant is-Sedja tqis li l-Onorevoli Sant kien in order meta qanqal il-kwestjoni tal-privileġġ in eżami.

Issa filwaqt li Artikolu 2 ta' l-imsemmija Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati jipprovdi li

"Ebda proċediment ċivili jew kriminali ma jista` jsir kontra ebda Membru tal-Kamra tad-Deputati ... għal kliem li jingħad minnu quddiem il-Kamra ...",

is-subartikolu (13) ta' l-artikolu 11 tagħha, li jitkellem dwar x'jikkostitwixxi reat taħt l-Ordinanza, jipprovdi li

"Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' kull Ordni Permanenti jew riżoluzzjoni li l-Kamra tad-Deputati tista` tagħmel minn żmien għal żmien sabiex tirregola l-kondotta tal-membri tagħha u l-ordni filwaqt tal-proċedimenti tagħha."

Hu f'dan il-kuntest li s-Sedja qieset l-Ordni Permanenti 60 li jipprovdi li

"Ebda Membru ma għandu juża kliem offensiv jew mhux xieraq kontra l-karattru ... jew b'riferenza għal xi Membru tagħha. Ebda intenzjoni ħażina ma għandha tiġi attribwita lil xi Membru."

Meta talab lis-Sedja tistħarreġ l-ilment tiegħu li l-allegazzjoni ta' l-Onorevoli Gatt tikser xi wieħed mill-privileġġi li din il-Kamra tattribwixxi lil kull Membru tagħha, l-Onorevoli Alfred Sant kien perfettament konsapevoli li s-Sedja ma hix bil-liġi kompetenti la li tagħmel xi investigazzjoni preliminari u wisq anqas li tidħol fil-mertu tal-fatti li ssemmew u li taw lok

għall-ilment tiegħu, u li tiġġudika dwarhom. Kif gie deċiż diversi drabi mis-Sedja differentement preseduta, is-Sedja m'għandha ebda poter la li tinvestiga l-fatti tal-każ imressaq u wisq anqas li tesprimi ruħha fuq il-ħtija jew in-nuqqas ta' ħtija ta' l-individwu li kontra tiegħu jkun tressaq il-każ ta' ksur ta' privileġġ. Dawn huma poteri u drittijiet li l-Kostituzzjoni ta' pajjiżna, l-Ordinanza u l-Ordnijiet Permanenti msemmija jagħtu esklussivament lill-Kamra u mhux lill-iSpeaker.[4]

Il-Kamra taf li d-dikjarazzjoni tas-Sedja f'dan l-istadju tista` biss tkun ta' natura prima facie, mingħajr ebda preġudizzju għall-eżitu u d-deċiżjoni finali tal-każ. Is-Sedja, biex tassigura li kulħadd ikun konxju ta' dan l-obbligu legali, trid li f'dan l-istadju tkun emfasizzata t-tifsira legali li l-Artikolu 11 (1) jagħti għall-kliem ‘prima facie':

"L-espressjoni "prima facie" tfisser li l-ilment li jkun sar ikun jallega ksur ta' xi regola stabbilita b'din l-Ordinanza jew fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra tad-Deputati ..., u ma għandha f'ebda każ tkun tfisser jew timplika xi stqarrija ta' ħtija jew ta' innoċenza."

Għaldaqstant is-Sedja skrupolożament qagħdet lura milli tesprimi xi fehma jew tagħti xi interpretazzjoni fuq xi mertu tal-każ tad-diskors li naħa jew oħra għamlu fil-Kamra preseduta minnha.

Fid-dawl ta' dan kollu, wara li fliet bir-reqqa l-estratt mhux editjat ta' din il-parti tas-Seduta kif traskritta, u qieset il-provvedimenti tal-Artikolu 11, subartikolu (4), paragrafu (b) tal-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra kif ukoll l-Ordni Permanenti 60, is-Sedja issib li l-kliem tal-Onorevoli Austin Gatt li għalih oġġezzjona l-Onorevoli Alfred Sant jikkostitwixxi prima facie ksur ta' privileġġ fit-termini tal-Ordni Permanenti 60, u, kif jipprovdi l-Artikolu 11 (1) tal-Ordinanza, tirreferi l-kwistjoni għall-konsiderazzjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Privileġġi imwaqqaf bl-Ordni Permanenti 120D sabiex dan jisma` lill-Onorevoli Membri involuti, jeżamina dak li jidhirlu xieraq, u jieħu dawk id-deċiżjonijiet u jagħmel dawk ir-rakkomandazzjonijiet kif provdut fl-Ordnijiet Permanenti u fl-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setghat tal-Kamra (Kap. 113).

Is-Sedja tiddeċiedi wkoll li t-talba għal Punt ta' Ordni imqanqal mill-Onorevoli Alfred Sant fl-istess Seduta u ċirkostanzi hija sorpassata b'din id-deċiżjoni.

Fl-aħħarnett is-Sedja trid tieħu l-opportunità ta' din id-deċiżjoni u tipprotesta għat-titolu tar-rapport ta' din il-parti tas-Seduta tal-bieraħ mill-Malta Today fil-ħarġa tagħha tal-lum li, fl-ewwel u fil-ħames paġna tal-ħarġa, iddeskriviet l-episodju li dwaru għadni kif tajt id-deċiżjoni bhala "Chaos in the House" (Diżordni fil-Kamra). Kull min kien preżenti jaf li l-imġieba tal-Membri kollha li kienu qed jieħdu sehem il-bieraħ fis-Seduta, inkluż waqt il-ħin li tqanqal l-ilment tal-ksur ta' privilegg, kienet waħda idonea u dinjituża, għal kollox il-bogħod minn kull ħjiel ta' diżordni. Is-Sedja tappella għal rappurtaġġ korrett, fidil u oġġettiv tal-ħidma tal-Kamra u tal-Membri tagħha.

--------------------------------------------------

--------------------------------------------------------------------------------

[1] Ordnijiet Permanenti tal-Kamra tad-Deputati, Stampat fl-Istamperija tal-Gvern, Malta.

[2] Kodici ta' Etika tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati, Malta, 1995.

[3] Parliamentary Practice, Erskine May, Twenty-second Edition, Butterworths, London.

[4] Decizjoni ta' Mr Speaker, l-Onor. Lawrence Gonzi, moghtija fis-Seduta numru 55 tat-12 ta' Ottubru, 1992.